**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**
**(Spettur Sarah Kathlene Zerafa)**

**Vs**

**Musbah Alli Nasir**

**Kump Nu: 383/2021**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nasir Musbah Alli, detentur ta' Police Number 20J-037 kif ukoll Refcom Number 31743, fejn gie akkuzat talli bejn is-sebgha (07) ta' Gunju 2021 u t-tmienja (08) ta' Gunju 2021, b'diversi atti,

ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. **Nhar is- 07 ta' Gunju 2021, bejn l-ghaxra u l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:00hrs-10:30hrs) ġewwa Rahal l-Gdid**, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkometta serq ta' 'mobile' u flus kontanti tal-valur globali ta' tlett mija u hamsin ewro **(€350)** ghad-detriment ta' Carlo Montebello detentur tal-karta ta' l-identita 38575M, liema serq huwa aggravat bix-'xorta tal-haga misruqa' u bl-'ammont', liema ammont ma jeccedix l-elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin ewro u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c) (g), 271(g), 267 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. **Nhar it- 08 ta' Gunju 2021, bejn is-sebgha u t-tmienja ta' filghodu (07:00hrs-08:00hrs), ġewwa tas-Sliema** u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkometta serq ta' apparat elettroniku u affarijiet ohra tal-valur globali ta' tlett elef seba' mija u tletin ewro **(€3730)** ghad-detriment ta' Mark Terence Lawyor detentur tal-passaport bin-numru 538520076 u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bl-'ammont', liema ammont jeccedi l-elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin ewro u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. **Nhar it- 08 ta' Gunju 2021, bejn id-disgha u l-ghaxra ta' filghodu (09:00hrs- 10:00hrs), ġewwa San Giljan** u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkometta serq ta' 'mobile' tal-valur ta' mitejn u hamsin euro **(€250)** ghad-detriment ta' John Joseph David Zammit detentur tal-karta ta' l-identita 185382M, liema serq huwa aggravat bix-'xorta tal-haga misruqa' u bl-'ammont', liema ammont u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c) (g), 271(g), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Xjentement ilqajt għandek jew xtrajt ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indhalt biex tbiegħhom *bi ksur ta' l-Artikolu* 334 (a) (b) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ *bi ksur ta' Artikolu 338 (w) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 28H ghal-fini ta' kunpens fil-konfront tad-derubati kollha.

Qieset id-depozizzjoni ta` l-Ufficjali Prosekuturi bil-gurament;

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali ta' l-20 ta' Dicembru 2022 (ara *folio* 228 et seq) u l-kunsens ta` l-imputat, sabiex din il-kawza tigi deciza sommarjament, moghti fl-udjenza tallum stess (ara folio 232);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Qieset dak ivverbalizzat mill-prosekuzzjoni fl-udjenza ta` llum stess u cioe` illi r-raba imputazzjoni (dik ta` ricettazzjoni) kienet inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet (dawk ta` serq);

Qieset li in tema ta` piena, kemm l-imputat kif ukoll il-prosekuzzjoni, irrimettew ruhhom ghall-gudizzju ta` din il-Qorti;

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, liema atti jikkonfortaw abbundantement din l-istess ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu, fid-dawl ta` dak iddikjarat mill-prosekuzzjoni riferibbilment ghar-raba imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni tal-imputat, li certament ma hijiex ammissjoni bikrija, izda xorta wahda ghandha l-piz li jisthoqqilha, kif ukoll u naturalment, in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat. Il-Qorti qed tqis ukoll dak li stqarr l-imputat tramite l-interpretu, u cioe` li hu jbaxxi rasu ghall-awtorita` tal-Qorti u wkoll talab klemenza.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 7,8, 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 31, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1), 281(a), 334(a), 338(w), 532A, 532B, 533, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba (4) imputazzjoni stante li din kienet inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, issib pero` lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu (imputazzjonijiet 1, 2, 3 u 5) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` tletin (30) xahar prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur